# FIL- PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR.C. FARRUGIA SACCO. B.A. LL.D

**Illum 27 ta' Settembru, 2001.**

**Citazz. Nru: 1541/01**

**Michael Debono, Jane Debono, Mark Debono u Alex Debono**

Vs

**Seaborg Company Limited; AJM Investments Limited; Borg and Borg Construction Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-Seaborg Company Limited, AJM Investments Limited, Borg and Borg Construction Limited li eccepew:

Illi l-mandat ta' Sekwestru kawtelatorju hareg b' mod frawdolenti in konfront ta' l-intimati kollha u dan kif jigi ppruvat l-ammont dovut s' issa thallas kollu.

Illi in konfront ta' AJM Investements Limited ma hemm l-ebda relazzjoni guridika in konfront tar-rikorrenti u dan kif jirrizulta mill-istess skrittura tat-28 ta' Jannar 1997.
Illi l-bilanc tas-somom dovuti kif jirrizulta mill-istess skrittura gew garantiti wkoll b' kambjalijiet mahruga minn Seaborg Company Limited versu l-kredituri.

Illi l-imsemmija kredituri avallaw u jew iggiraw l-istess kambjalijiet a favur Bank Of Valletta PLC.

Illi r-rikorrenti hallsu l-kreditu kollu dovut sal-lum u dan kif jirrizulta mill-hlasijiet maghmula mill-mittenti skond prospett li gie ppresentat u mmarkat bhala Dok A.

Illi a rigward is-seba' kambjala din thallset fid-29 ta' Dicembru 2000 mill-intimati fis-somma ta' Lm35,000 hamsa u tlettin elf lira pero' Michael Debono minflok hallas is-somma kollha dovuta lil Bank of Valletta PLC kif kien obligat jaghmel gialadarba avalla l-istess kambjalijiet favur il-bank huwa zamm parti minn dan il-flus ghalih innifsu u dawru favur tieghu bi frodi tad-drittijiet tar-rikorrenti.

Illi dan kollu jirrizulta minn kopja fotostatika tac-cheque anness u mmarkat Dok B.

Illi barra minn hekk ir-rikorrenti esebew ukoll kopja fotostatika tat-tmien kambjala mhallsa direttament mir-rikorrenti lil Bank of

Valletta PLC annessa u mmarkata Dok C li kienet tiskadi fit-30 ta' Gunju 2001.

Illi dan kollu gara wara l-intimati Debono ma hallsux dak li kien dovut minnhom lil Bank of Valletta PLC u wara li l-Bank tramite l-manager Ray Pace ta' B' kara Branch insista li l-pagamenti jsiru direttament lilhom annessi u mmarkati Dok D u Dok E.

Illi l-Bank of Valletta PLC b' ittra tas-17 ta' Lulju 2001 beda jitlob il-pagament bilancjali ta' Lm17231 fuq is-seba' kambjala li ma kienetx kollha mhallsa minghand ir-rikorrenti odjerni annessa u mmarkata Dok F.

Illi b' ittra tas-26 ta' Lulju 2001 li kopja taghha giet annessa l-avukat sottoskritt kiteb lil Bank u infurmah illi r-rikorrenti hallas is-somma kollha dovuta lill-intimati Debono u huma l-intimati Debono li bi frodi ma hallsux direttament lil Bank annessa u mmarkat Dok G.

Illi l-Bank of Valletta PLC b' ittra datata 20 ta' Awissu baqa' u ghadu jinsisti sallum illi r-rikorrent irid ihallas din is-somma bilancjali biex l-istess bank jirrilaxxa l-kambjalijiet annessa u mmarkata Dok H.

Illi huwa ironiku kif l-intimati jippretendu li din is-somma hija dovuta mir-rikorrenti meta huwa hallas l-istess ammont lilhom b' cheque datat 29 ta' Dicembru 2000 ghas-seba' kambjala li kienet

tiskadi fil-31 ta' Dicembru 2000 u dan kif jirrizulta mid-dokumenti fuq indikati.

Illi llum r-rikorrenti sallum ma ghandu jaghti xejn lill-intimati Debono peress illi dak kollu li setgha kien dovut lilhom gie mhallas imma se mai huwa r-rikorrenti li jista' jigi mfaccjat b' kawza ghar-rimbors mill-Bank of Valletta PLC peress li huwa gie ffrodat mill-intimati Debono.

Illi minkejja dan l-intimati Debono qed jippretendu doppjament hlas li diga' rcevew.

Illi a tenur tal-Art. 836 tal-Kodici u Organizzazzjoni u Procedura Civili ghandu d-dritt biex jitlob ir-revoka ta' dan il-mandat kawtelatorju stante illi l-pagament reklamat gia gie mhallas mir-rikorrenti u dan taht l-Art. 836 (1)(b)(d) u (f).

Illi r-rikorrenti dejjem hallsu puntwalment dak li huwa dovut minnhom kif jirrizulta mill-prospett anness u mmarkat Dok A kif ukoll mic-cheque u jew ossija parti mill-flus rappresentanti l-istess cheque u dan stante illi minkejja li l-kambjala timmatura fil-31 ta' Dicembru 2000 huwa hallsu fid-29 ta' Dicembru 2000.

Illi l-bank Manager Ray Pace jista' jikkonferma illi r-rikorrenti hallas is-seba' kambjala totalment imma huwa l-intimat li ma ghamilx id-depositu appositu.

Illi a tenur tal-Art 836 (8) tal-kap 12 ir-rikorrenti qed jitlob li l-intimat jigi kkundanat ihallas penali ta' mhux anqas minn Lm500 u mhux aktar minn Lm3000 u dan stante illi t-talba ghal hrug ta' tali mandat saret bi ksur tas-subinciz (b,c,d) tal-Art. 836 (8) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti biex tirrevoka contrario imperio l-hrug tal-mandat kawtelatorju numru 2624/01 kontra r-rikorrenti u dan a tenur tal-Art 836 (1) (b,d,f) tal-kap 12 kif ukoll biex timponi penali ta' mhux anqas minn Lm500 u mhux aktar minn Lm3000 u dan a tenur tal-Art 836 (8) (b,c,d) tal-Kap 12.

Rat ir-risposta tal-intimati li eccepew:

1. Preliminarjament illi kopja wahda tar-rikors giet notifikata fl-24 ta' Settembru 2001 u ghalhekk kien impossibli ghall-intimati li jipprezentaw ir-risposta taghhom sal-24 ta' Settembru 2001 f' nofsinhar. Ghalhekk ir-risposta giet ipprezentata fil-25 ta' Settembru 2001 ai termini tal-artikolu 836 (3) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Illi fil-mertu s-sottomissjonijiet tar-rikorrenti huma in parte skorreti u l-kumplament irrilevanti ghall-mertu tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 2624/01 ghar-ragunijiet segwenti.

3. Ir-rikorrenti lmentaw illi s-socjeta` AJM Investements Limited ma ghandha l-ebda relazzjoni guridika mal-esponenti "u dan kif

jirrizlulta mill-istess skrittura tat-28 ta' Jannar 1997." Ir-rikorrenti pero' naqsu milli jezebixxu kopja ta' din l-iskrittura. Jidher li dan ma sarx bi zball izda b' tentativ sabiex tigi sgwidata din l-Onorabbli Qorti.

4. Ir-rikorrenti ppruvaw jaghtu l-impressjoni li fit-28 ta' Jannar 1997 giet iffirmata skrittura wahda biss mentri fil-fatt, anke kif indikat fl-istess mandat ta' sekwestru 2624/01, f' dik id-data gew iffirmati zewg skritturi li kopja taghhom giet ezebita u mmarkata Dok. MD1 u Dok MD2 rispettivament. Jirrizulta minn Dok MB2 illi l-kumpanija AJM Investments Limited ".....qed tikkostitwixxi ruhha garanti solidali mal-istess Seaborg Company Limited, id-debitur principali, fil-hlas tal-bilanc tal-prezz fuq imsemmi billi prezentement tikkostitwixxi ipoteka specjali a favur il-komparenti Debono accettanti fuq il-lukanda bla numru bl-isem TOWER PALACE HOTEL, f' Tower Road, f' tas-Sliema.....". Kif ir-rikorrenti qed jallegaw li ma hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-intimati Debono u l-kumpanija AJM Investments Limited huwa assolutament inspjegabbli.

5. Illi fir-rikors taghhom ir-rikorrenti jppruvaw jaghtu l-impressjoni li m' ghandhom l-ebda idea tal-pretensjoni vera u proprja tal-intimati. Jidher li anke hawnhekk sar tentativ sabiex din il-Qorti tigi sgwidata ghaliex ir-rikorrenti konvenjentement naqsu milli jirreferu ghall-zewg ittri legali datati 21 ta' Gunju 2001 u 30 ta' Lulju 2001 rispettivament, (Dok MD 3 u Dok MD 4) mibghuta mill-Avukat sottoskritt ghan-nom tal-intimati. Kif

jirrizulta mill-kontenut ta' dawn iz-zewg ittri l-ammont ta' Lm12,829.02 jirraprezenta zewg ammonti.

6. L-ewwel ammont huwa ta' Lm7468.00 rapprezentanti bilanc tas-somma ta' Lm500,000 li skond l-ewwel skrittura tat-28 ta' Jannar 1997 (Dok MB1) l-intimati kienu iddelegaw lill-kumpanija kompratrici Seaborg Company Limited thallas lill-APS Bank Limited in sodisfazzjon tad-debitu li dak iz-zmien l-intimati kellhom mal-imsemmi Bank. Irrizulta sussegwentement li fil-fatt fit-28 ta' Jannar 1997 l-ammont li l-intimati kellhom jaghtu lil APS Bank Ltd ma kienx ta' Lm500,000 izda ta' Lm492,532 u ghalhekk baqa f' idejn il-kumpanija Seaborg Company Limited is-somma ta' LM7468 li ghadha dovuta lill-intimati. L-ispjegazzjoni dwar din is-somma ta' Lm7468 l-intimati kienu gia tawha fiz-zewg ittri legali fuq indikati. Kif fir-rikors taghhom ir-rikorrenti ma jaghtu ebda reazzjoni ghal din il-pretensjoni huwa kompletament inspjegabbli.

7. It-tieni ammont ta' Lm5361.02 huwa l-imghaxijiet dovuti li ddekorrew fuq kambjali li s-socjeta` rikorrenti hallset tardivament. Kuntratjament ghal dak li jallegaw fir-rikors, mhux minnu li s-socjeta` rikorrenti kienet puntwali fil-hlasijiiet. Mal-ittra tal-21 ta' Gunju 2001 l-Avukat sottoskritt kien baghat prospett anness illi jispjega dettaljatament kif gie kalkulat l-ammont ta' Lm5361.02. Fir-rikors taghhom ir-rikorrenti jallegaw li "dejjem hallsu puntwali dak li huwa dovut minnhom." Dan mhux minnu lanqas. Kif jirrizulta mill-prospett anness mal-ittra tal-21 ta' Gunju 2001 il-pagamenti kienu fil-maggorparti

taghhom isiru tardivament tant li iddekorra imghax komplessiv ta' Lm5361.02. Jigi rilevat illi r-rikorrenti injoraw kompletament iz-zewg ittri legali lilhom mibghuta ghaliex qatt ma wiegbu ghalihom.

8. Irrizulta ghalhekk illi kuntrarjament ghal dak indikat fir-rikors mhux minnu li l-ammont pretiz gia thallas. Fir-rikors taghhom ir-rikorrenti lmentaw li hallsu ammont iehor dwar kambjala li ma hiex mertu tal-mandat ta' sekwestru numru 2624/01 u li qed jippretendu li tinghata lilhom din il-kambjala. Din hija kwistjoni kompletament differenti mill-mertu tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju mertu tal-proceduri odjerni. Jekk ir-rikorrent jippretendi li hallas kambjala huwa ghandu, dato non concesso, jipprocedi sabiex tigi lilu ritornata l-kambjala li jippretendi li hallas. Tibqa' pero' dik, kwistjoni distinta u separata mill-mertu tal-mandat ta' sekwestru odjern u dan kif gie ampjament spjegat supra.

9. Illi l-intimati ghandhom id-dritt jikkawtelaw il-pretensjoni taghhom u f' dan l-istadju huwa sufficjenti li jippruvaw prima facie l-pretensjoni taghhom ai termini tal-artikolu 836 (d) tal-Kap 12. L-ispjegazzjoni moghtija permezz ta' din ir-risposta tipprova sodisfacentement il-pretensjoni tal-intimati.

Ghal dawn ir-ragunijiet l-intimati ssottomettew illi din l-Onorabbli Qorti tichad ir-rikors tat-18 ta' Settembru 2001 bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

Semghet lill-konsulenti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat

Illi fit-28 ta' Jannar, 1997 saru zewg skritturi privati bejn il-partijiet u gew trasferiti l-ishma fil-kumpanija AJM Investments Limited minghabd Debono ghal Seaborg Company Limited [50000 share] u dan versu l-prezz ta' LM950,000 kif spjegat dettaljatament fl-imsemmija skritturi. Kienu saru xi pagamenti u ohrajn riedu jsiru kif hemm imnizzel.

Fil-21 ta' Gunju u 30 ta' Lulju 2001 Michael Debono permezz tal-konsulent legali tieghu kiteb lil George Borg ghan-nom ta' Seaborg Company Limited u Borg and Borg Construction Limited u intimah ihallsu LM12829.02 in kwantu ghal LM7468 bilanc tas-somma li ma kinux dovuti lill-APS Bank Limited u l-kumplament imghaxijiet skond prospett li kien anness.
Peress li Seaborg Company Limited u Borg and Borg Construction Limited ma hallsux dan l-ammont Michael, Jane, Mark, u Alex Debono talbu u ottenew il-hrug ta' mandat ta' sekwestru kontra dawn ghas-somma ta' LM12829 fl-14 ta' Settembru, 2001.

Fit-18 ta' Settembru 2001 Seaborg Company Limited ipprezentat rikors fejn allega li dan il-mandat hareg b'mod frawdolenti u li kien thallas l-ammont kollu dovut sal-lum u ibbaza fuq is-seba' kambjala. Sostna li ma ghandu jaghti xejn u li Debono qieghed

jipprova jithallas darbtejn ta' l-istess ammont. Talab ir-revoka tal-Mandat a bazi tal-artikolu 836 tal-Kap 12, inkluz li talbu l-penali a bazi tal-836 (8).

Ikkunsidrat

Illi Michael Debono sostna u fil-fatt ipprezenta t-tieni skrittura li Borg qatt ma semma fir-rikors tieghu. Hemm specifikata l-garanzija solidali ta' AJM Investments Limited. Minn dan jirrizulta car li dak li sostna Borg li ma hemm ebda relazzjoni guridika bejn Debono u AJM Investments Limited mhux korrett. Imkien fir-rikors ma gew imsemmija l-ittri interpellatorji ta' Debono. F'dawn l-ittri gie spjegat kif kien dovut l-ammont imsemmi fis-sekwestru, u reggha gie spjegat fir-risposta ta' Debono. Dwar l-imghaxijiet mill-prospett jirrizulta li xi hlasijiet saru tard u ghalhekk kien dovut l-imghax.

Dwar dak li sostna Borg dwar is-seba' kambjala dan hu irrilevanti ghal mandat ta' sekwestru in ezami.

Ghal dawn il-motivi tichad ir-rikors. Spejjez kontra Seaborg Company Limited.